# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR. MICHAEL MALLIA, LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 18 ta' Gunju, 2001**

**Numru**

**Avviz numru: 396/01mm**

**GasanMamo Insurance Agency Limited u din ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera CGU Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha Emanuel Magro sija bil-polza u sija bil-ligi u l-istess Emanuel Magro**

**vs**

**Duncan Bezzina**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba ta' l-atturi ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' tmien mija u hamsa u ghoxrin liri Maltin u sitta u sittin centezmu (Lm825.66) li jinkludu hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25) 'excess' imhallsa mill-assikurat Emanuel Magro rapprezentanti danni kagunati mill-konvenut f'incident awtomobilistiku tas-6 ta' Awissu, 2000, gewwa Triq il-Fortizza tal-Grazzja, Xghajra, bejn il-vettura numru DUN 147 misjuqa mill-konvenut Duncan Bezzina u il-vettura numru AAF 998 misjuqa mill-assikurat tas-socjeta' attrici Emanuel Magro u propjeta' ta' l-istess Emanuel Magro, liema ncident gara unikament tort tal-konvenut, minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.

Bl-ispejjez, komprizi ghaxar liri u hamsin centezmu (Lm10.50) ta' ittra u konsult, dawk ta' l-ittra ufficjali tat-30 ta' Novembru, 2000, u dawk ta' l-ittra ufficjali prezentata kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut kontestwalment ma' l-Avviz, u bl-imghax dekorribbli mit-30 ta' Novembru, 2000, id-data ta' l-ittra ufficjali, sal-hlas efettiv, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet ta' l-atturi sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fil-11 ta' Gunju, 2001, meta gew ipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.